MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2010

Avviz Numru. 419/2008

**Nicholas u Carmen konjugi Seychell u b'digriet tal-25 ta' Marzu 2010 l-atti gew legittimati f'isem l-istess Nicholas Seychell minhabba l-mewt ta' martu, Carmen Seychell**

**Vs**

**Charles Sammut ID nru 491167M**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut ghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess atturi s-somma ta' mhux izjed minn sitt elef, seba' mija u tmin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€6708.48) rapprezentanti din is-somma licenzji b'lura multi fuq il-vettura tal-marka Kia Sedona registrazzjoni numru CNN 007, li l-attur qala' indebitament minhabba l-agir tal-konvenut.

Bl-ispejjez u bl-imghax u l-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza sepcjalment id-digriet hawn fuq imsemmi moghti fil-25 ta' Marzu 2010 (fol 31) u dak moghti fit-23 ta' Settembru 2009 in rigward in-notifika tal-konvenut a bazi tal-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema procedura giet finalizzata.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut, avolja notifikat skond l-artikolu 187(3) hawn fuq citat, naqas milli jidher quddiem din il-Qorti sabiex jikkontesta t-talba attrici. Inoltre sallum ghadu ma ppresentax nota ta' eccezzjonijiet. Inoltre l-attur kif jidher mix-xhieda moghtija minnu illum stess, kkonferma, taht gurament, li l-ammont mitlub, fl-avviz in esami ghadu dovut sallum, kif ukoll li, oltre l-istess somma mitluba hemm ammonti ohra li jistghu jkunu dovuti ulterjorment.

Illi ghalhekk it-talba attrici trid tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talba in esami u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur, kif hawn fuq premess, is-somma ta' €6708.48 (sitt elef, seba' mija u tmin ewro u tmienja u erbghin centezmu) bl-imghax legali mid-19 ta' Dicembru 2008 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes ta' dawn il-proceduri. B'riserva ghal kull dritt spettanti lill-istess attur in rigward ammonti ulterjuri li jistghu jigu dovuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------